# EBDA JIES

*Kummidja f'Att Wieħed imfassla minn Ġuże Diacono fuq in-novella, Harlem Tragedy", ta' O. Henry.*

Min jidher:

RITA
TONINA
GEJTU, żewġ RITA.

Il-kamra ta' barra ta' l-appartament ta' Gejtu u Rita. Il-liżar jikxef lil Rita tħares lejn nefħa daqshiex bejn ħamra u bejn ħadra. Xoftejha maqsuma u għonqha mibrux ġmielu.

Mill-bieb ta' barra, tidħol Tonina, li toqgħod fl-appartament ta' biswit.

*Rita*: Iddur imkabbra lejn Tonina u turiha għajnha) X'jidhirlek?

*Tonina*: (Għajjura imma ma tridx turi) X'kull biċċa! Ma jisthix? Jien żewġi lanqas biss joħlom imidd idejh fuqi.

*Rita*: Jiena, ruħi, raġel li ma jagħtinix xebgħa darba fil-ġimgħa ma jgħoddx għalija. (Trid iddaħħal f'ras ħabibtha) Raġel meta jsawtek jurik li jgħożżok. Issa int, żewġek qatt ma refa' idejh fuqek mindu żżewwiġtu....

*Tonina*: (Tbejjen kliem Rita) U żgur ukoll!

*Rita*: .... taf x'ifisser dak? Ifisser li ftit jew xejn iħabbel rasu bik. Kemm inti ġifa, Ton, ruħi! Huwa żewġek għax isawtek? Għaliex isawtek? Għax igħir għalik. Ħeqq! Jiġifieri li jħobbok. Ajma, għadni nara l-kwiekeb!

*Tonina*: Il-bierah ħsibtu sa joqtlok, ruħi—dawk il-ħsejjes u dak l-għajat! Kemm werżaqt!

*Rita*: Ma kontx int floki!

*Tonina*: Biex ingħidlek kont sa nibgħat lil żewġi jagħtik l-għajnuna.

*Rita*: Dak tagħmilx, Ton, ruħi, dak tagħmilx—la tindaħalx bejn tnejn miżżewġin. Missieri taf x'kien igħidilna? Qatt tindaħlu bejn tnejn miżżewġin. Ħalluhom jagħtu, għax dawk tagħhom f'tagħhom—anqas il-Pulizija m'għandha jedd tindaħal sa kemm ma jsejħux l-ajjut.

*Tonina*: (Fil-waqt li Rita terġa' tmur tħares lejn il-mera) Kliem imma. Haw' issa, kieku jisimgħek twerżaq dak it-twerżiq sejjer ma jindaħalx! Huwa billi jgħid? Mela demmek mhux demmu, jew?

*Rita* (Iddur lejn Tonina fil-waqt li togħrok driegħha l-lemin ħafif, ħafif): Issa tara, ħi, kemm ikun ħelu u minn tagħna, Gejtu tiegħi, ma tul il-ġimgħa kollha. (Tersaq lejn Tonina, terfa' l-komma fejn kienet qiegħda togħrok, u tikxef tbenġila daqshiex fuq driegħha). Dit-tbenġila tgħoddli żewġ tôkis dil-ġimgħa, u dit-tbenġila (turi għajnha l-minfuħa) kappel ġdid.

*Tonina*: U ġieżu! u le! (torbot idejha fuq żaqqha) Żewġi raġel biżżejjed biex ma jerfax idejh fuqi.

*Rita*: U ħallina, Ton.

(Tidlek għajnha bl-ingwent.)

*Tonina*: Hekk baqa jonqos.

*Rita*: Għid is-sewwa, Ton, ma tgħirx għalija? Żewġek qisu ħaġa mitluqa—kif tridu jnewwillek bil-ponn? Malli jidħol id-dar erħilu jitfattarlek fuq siġġu u jaħli għajnejh fuq xi gazzetta—issa, għid is-sewwa, mhux hekk?

*Tonina*: U iwa, Pawlu tiegħi jħobbhom il-gazzetti—imma taf x'naf ingħid? Li lili qatt ma ġegħelni naqdih ta' mħadda biex iballat fuqi—dak li naf jien.

(Rita tidħak daħka hienja. Terġa' terfa' l-komma u tħares lejn it-tbenġila ta' fuq driegħha.)

*Rita*: Inweġġa' u nithenna.

(Tonina ċċiedi, tinża' l-arja merfugħa tagħha, u tħares għajjura lejn it-tbenġila.)

*Tonina*: Imma għidli, Rit, meta jsawtek ma tweġġax?

*Rita*: (Twerżaq twerżiqa mimlija hena): Himm, inweġġa' ngħid! Binti, meta kont zgħira qatt kissirt xi ġugarel lil ħutek is-subien? Kif kienu jaqbdu fik, eh? Kif kienu jwaħħlulek bla ħniena? Kemm kienu iġebbdulek xagħrek? Dak mhu xejn! U x'mhu xejn? Uh. . . . qatt qlajt xeba stanga?—Nweġġa 'ngħid! Binti, Gejtu għandu idu x-xellugija tiswa żewġ tokis u kaxxa ċikkulatini—u l-leminija!—darbtejn sa Sant Anton, qata' libsa u kappell.

*Tonina*: (Mistagħġba) Imma għaliex isawtek?

*Rita*: Ih, ara għaliex! Għax ikollu xi erbgħa f'rasu. Mhux ta' nhar ta' Hadd il-bíċċa l-kbira?

*Tonina* (Tixtieq titkixxef) Iwa, imma x'tagħmillu?

*Rita*: X'nagħmillu?

*Tonina*: X'tagħmillu biex isawtek?

*Rita*: Iss! Ma żżewwiġtux? Gejtu jiġi d-dar mimli, u jien hawn jien, mhux hekk? 'Il min tridu jsawwat jekk mhux lili? Nixtieq naqbdu xi darba isawwat lil xi waħda oħra! Xi daqqiet itini xeba għax l-ikel ma jkunx lest, xi daqqiet għax ikun lest. Żewġi ma jħabbilx rasu għal daqshekk. L-ewwel jinxteħetlek f'ħanut ilegleg sa kemm jiftakar li għandu 'l martu d-dar, mbagħad jiġi u jwaħħalli erbgħa bil-kif. Xejn, ruħi, nhar ta' Hadd taf x'nagħmel? Inressaq min nofs il-bċejjeċ talgħamara li għandhom il-ponot biex meta jitfagħni minn hawn għal hemm ma jkollix meix naħbat, u mbagħad noqgħod nistennieh jiġi. Ton, għandu idu x-xellugija tagħżillek għadmek! Heqq, daqqiet nibqalu fl-art ma' l-ewwel daqqa, imma meta nħossni nixtieq xi bewxata ma tul il-ġimgħa, jew inkuñ wasalt għal xi libsa ġdida nibqa nqumlu sa kemm ngħodd li jkun tani biżżejjed. Dal-lejl hekk għamilt. Domt inqumlu sa kemm ma flaħtx aktar. Dil-ġimgħa hemm zewġ tôkis xi ħaġa, Ton, u Gejtu jaf li jinħtieġli kappell ġdid—tbenġila fuq għajni ma kenetx tkun biżżejjed, għalhekk rġajt qomt. Aqta' kif midni? Pumm! . . . . Ton, x'nagħmillek imħatra li l-lejla jġibli żewġ biljetti għat-tôkis, u li l-kappell ikun għandi sa għada?

*Tonina* (Tkun qiegħda taħseb) Żewġi qatt ma missni daqshekk (turi b'sebagħha) f'għomru kollu. Sewwa għidt, Rit.

*Rita*: U da' żgur.

*Tonina*: Jidħol id-dar kutu, kutu—kieku qatt igħid kelma, ma jafx ħlief . . . .

*Rita* (Tbejjen kliem Tonina) Ma nisimgħux, jien?

*Tonina*: . . . . ma jafx ħlief isaħħan is-siġġijiet. Kieku jixtrili ħwejjeġ, imma ta' kull darba geddum daqshekk!

*Rita*: Miskina! Imma, ruħi, mhux kulħadd jista' jkollu raġel bħal Gejtu tiegħi. Kieku ma kinux jitħassru żwiġijiet li kienu kollha bħalu. Issa daw' in-nisa mdejqin li tisma fuqhom—taf x'għandhom bżonn? Raġel li jmur id-dar u jwaħħlilhom daqtejn ta' sieq darba fil-ġimgħa, u mbagħad ipattilhom bil-bews u ċ-ċikkulata. Mela! Dak li għandhom bżonn. Lili tini raġel li jkun raġel, li jagħtik xebgħa meta jkun bihom, u li jgħannqek meta ma jkunx bihom, u Alla jeħlisni minn dak ir-raġel li ma jiswa għal xejn, ruħi, bħal dawk li minn dak il-waqt li jiżżewwġu jilbsu dublett! Ih x'nervi, allaħares kien hekk żewġi, għax kont immur naqbeż. Naqbeż kont.

(Tonina titniehed.)

*Rita*: Allaħares!

(Ħsejjes minn ġewwa. Il-bieb ta' barra jinfetaħ b'daqqa ta' sieq minn Gejtu, li jidħol idejh mimlijiu pakketti. Rita tiġri lejh, tiddendel ma' għonqu.)

*Gejtu* (Jitlaq il-pakketti ma' l-art u jgħannaq lil martu): Kif int qalb ta' qalbi? Għaddielek? Xtrajt żewġ biljetti għat-tokî.

*Rita*: M'hawnx bħal Gejtu tiegħi!

(Tbusu)

*Gejtu*: U dak il-pakkett it-twil taf x'inhu?

*Rita*: Kurpett!

*Gejtu*: Minn dawk li tħobb int, kollha lastku!

*Rita* (Tagħmel idejha ma' wiċċ żewġha) U kemm inħobbok! (Tħares lejn wiċċu b'mistoqsija f'għajnejha) U ....?

*Gejtu*: U issa la tilbes immorru nixtru l-kappell.

*Rita* (It-tir minn idu bi twerżiqa żgħira): X'għidtlek, Ton?

*Gejtu* (Idur lejn Tonina) Heqq, x'hemm? Ma kontx rajtek. Kif int?

*Tonina*: Tajba, grazzi.

*Gejtu*: Pawlu tajjeb ukoll nittama?

*Tonina*: Mhux ħażin. Aħjar immur issa. Dal-ħin xorob it-tè, u għad irrid innaddaf il-kikkri minn-nofs. Għada nnewwillek dak il-mudell li tlabtni, Rit.

*Rita*: Iwa, iwa, grazzi.

*Tonina*: Saħħa.

*Rita u Gejtu*: Saħħa.

*Rita* (Kif toħroġ Tonina tgħajjat warajha) Ton, ma tħallix min jarak il-lejla?

*Tonina*: Le, ruħi, ma nemminx, għandi ħafna x'nagħmel. Saħħa.

*Rita u Gejtu*: Saħħa.

(Tonina toħroġ.)

*Gejtu*: Miskina, x'għajn għandek! Issa kif sa toħroġ?
*Rita*: Ma ġara xejn—nilbes il-kappell tal-faldi kbar.
*Gejtu*: Qiegħda tweġġak?
*Rita*: Le.
*Gejtu*: Tassew?
*Rita*: Tassew.

(*Gejtu* jbusha.)

*Gejtu*: Ejja nagħmillek ftit terra, trid?

(Jagħmlilha t-terra m'għajnha. F'daqqa waħda tinstema' Tonina tgħajjat minn ġewwa b'leħen imgħaddab.)

*Tonina*: Trid tqum minn hemm, ja biċċa għażż? Lilek qed ngħid!

(Rita u Gejtu jieqfu jissemmgħu.)

*Tonina* (Minn ġewwa) Għadek ma xbajtx issaħħan is-siġġijiet? Ara hawn x'ħasla għandi! Għax ma tqumx tgħini? Sa tqum, sa tqum, jew....?

(Hoss ta' daqqa ta' ħarta. Ħsejjes ta' siġġu jinqaleb. u ta' mixi mħaffef.)

*Rita* (F'nofs l-ħamba)! Qed jagħtu!

(Il-ħamba jieqaf.)

*Gejtu*: Tridx immur nara....

*Rita*: Le, le, oqgħod hawn. (Xaqq dawl ta' tama jixgħel f'għajn Rita) Min jaf? Fl-aħħar!

(Tħaffef lejn il bieb fejn taħbat wiċċ ma' wiċċ ma' Tonina li tkun dieħla għandhom. Tonina wiċċha mbikki.)

*Rita*: X'ġara Ton?
*Tonina*: Għajjatt miegħu, u għidtlu biex igħini fil-ħasla·
*Rita*: Naf, smajniek.
*Tonina* (Tibki): Għajjatt miegħu, u għajjartu.
*Rita*: Smajniek, smajniek.
*Tonina*: Tajtu daqqa ta' ħarta!
*Rita*: U tak xebgħa?

(Tonina tinfexx tibki. Gejtu jersaq biex jisma' aħjar.)

*Rita*: X'għamillek?

*Tonina* (B'leħen baxx, kemm kemm jinstama') Qabad jaħsel il-ħwejjeġ hu!—tgħid lil ħadd, ħi, tgħid lil ħadd—kollu għal xejn!